MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 927/2006

**Av. Philip Manduca noe**

**vs**

**Dr. Martin Fenech et noe**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur nomine fejn ippremetta:

Is-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f`Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f`Malta bin-numru 13092.

Dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta` oggett li huwa identici ma` dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab

f`Malta kwantita` ta` zraben bil-marki ta` "Puma" liema zraben mhumiex modelli tas-socjeta` attrici, f`*packing* mhux tas-socjeta` attrici liema *items* huma *"fake"*.

Ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta` l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f`Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta` l-Att dwar it-*Trademarks* u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta` Malta (EC 1383/2003).

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta` Malta u b`hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

4. tordna l-qerda tal-oggetti (zraben) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f`Malta fil-*container* **ECMU9245716** mill-konvenuti bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-18 ta` Dicembru, 2006 li in forza tieghu inhatru l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta` assenti ZHE Jiang Bao Hai Import and Export Company Limited.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li in forza taghha eccepew illi:

1. L-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti eccezzjonijiet u provi ulterjuri fi stadju avvanzat.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodott.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi Dr. Philip Manduca huwa rapprezentant ta` Puma AG f`Malta.

Jirrizulta illi fil-container ECMU 924517 ingabet f`Malta kwantita` ta` zraben bil-marka PUMA li m`humiex genwini u dan bi ksur tal-Att 8 tas-sena 2000 (Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta).

Dawn il-fatti gew konfermati mid-dokumenti esebiti u l-affidavit prodott, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jipprova l-falsita tal-oggetti fi grad tekniku bizzejjed.

Ghalhekk il-fatti msemmija fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn il-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-Att 8 tal-2000 (Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta); tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba peress illi ma ngabet ebda prova in sostenn taghhom; tipprefiggi terminu ta` hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-kontrollur tad-Dwana jiddistruggi z-zraben in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b`dan li provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------